MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 986/2005

**Ġużeppi AXISA u Luċija Axisa**

**vs**

**Mark BELLI u Mary magħrufa bħala Miriam Belli**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-17 ta’ Ottubru, 2005, bil-proċedura sommarja speċjali, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li l-Qorti taqta’ l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, u tikkundanna lill-imħarrkin iroddulhom lura s-somma ta’ tmint elef lira Maltin (Lm 8,000) li kienu silfuhom *brevi manu* fid-9 ta’ Diċembru, 2004. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-ħlas tal-imgħaxijiet minn dak inhar tan-notifika taċ-Ċitazzjoni;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta’ Novembru, 2004, li bih tat lilli-imħarrkin żmien biex iressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrka Miriam Belli fit-23 ta’ Novembru, 2005, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li jmissha tinħeles milli tibqa’ fil-kawża għaliex ma kellha x’taqsam xejn ma’ xi self ta’ flus li seta’ ngħata lil binha, l-imħarrek l-ieħor;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek Mark Belli fit-23 ta’ Novembru, 2005, li biha laqa’ għall-azzjoni attriċi billi qal li jmissu jinħeles milli jibqa’ fil-kawża safejn imressqa mill-attriċi Luċija Axisa, għaliex huwa qatt ma ssellef flus mingħandha. Laqa’ wkoll billi qal t-talba tal-attur Ġużeppi Axisa ma tistax tintlaqa’ kollha għaliex l-ammont oriġinarjament misluf huwa anqas ħafna minn dak mitlub fiċ-Ċitazzjoni, liema ammont huwa milqut bl-użura;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta’ Diċembru, 2005[1], li bih ordnat li, fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imressqin mill-imħarrek Mark Belli, l-ordni tat-tressiq tal-provi kellu jinqaleb, billi l-ewwel kellu jressaq il-provi l-imħarrek;

Semgħet il-provi tal-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta’ Novembru, 2006, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għar-radd lura ta’ somma ta’ flus mislufa. L-atturi jgħidu li silfu lill-imħarrkin tmint elef lira

[1] Paġ. 23 tal-proċess

f'jum partikolari f'Diċembru tal-2004, u dawn naqsu li jrodduhielhom lura;

Illi min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jgħidu li t-talba tal-atturi mhix mistħoqqa. Miriam Belli, omm l-imħarrek l-ieħor, tgħid li hija qatt ma ndaħlet f'xi self li seta' għamel binha, u titlob li tinħareġ mill-kawża. L-imħarrek Mark Belli jgħid li hu qatt ma ssellef flus mingħand l-attriċi, u għalhekk għandu jinħeles milli jibqa' fil-kawża safejn imressqa minnha. Dwar il-flus li ssellef, huwa jgħid li ssellef mingħand l-attur wisq anqas – jammetti li ssellef elfejn u sitt mitt lira Maltin (Lm 2,600) – minn kemm qiegħed jintalab f'din il-kawża. Huwa jgħid li l-ammont li qiegħed jintalab fiċ-Ċitazzjoni huwa minfuh minħabba l-użura;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jiddependu mix-xhieda mogħtija mill-partijiet. Għalkemm din hija kwestjoni ta' self ta' flus, ma saret l-ebda kitba u l-flus għaddew mill-ewwel fuq l-idejn. Iż-żewġ naħat isemmu appuntament li huma kienu għamlu biex jiltaqgħu għand Nutar pubbliku u jniżżlu f'kitba s-self u l-kundizzjonijiet tal-ħlas lura. Imma dak l-appunatment ma kienx seħħ. In-Nutar pubbliku li suppost kien tahom l-appunatment u, skond l-attur, indikalhom ukoll il-kundizzjonijiet li kellhom jirregolaw is-self ma tressaqx biex jagħti x-xhieda tiegħu;

Illi **mix-xhieda ta' Miriam Belli**[2] joħroġ li din daħlet l-ewwel darba fl-istorja meta xi nies marru jħabbtulha d-dar tagħha fil-Marsa jistaqsuha għal binha, minħabba li kienu silfuh xi flus u kien naqas li jroddhom lura. Ma ftakritx jekk kinux semmewlha kemm kienet is-somma misselfa. Dak iż-żmien hija ma kinitx taf fejn jinsab għaliex ma kienx joqgħod magħha. Tgħid li, madwar xahrejn wara li kienu żaruha dawk in-nies, kien seħħilha ssib lil binha u staqsietu dwar il-biċċa. Huwa staqsiha għalfejn dawn in-nies kienu marru għandha, u ma ċaħadx li kien issellef flus. Ix-xhud tinsisti li hija qatt ma sselfet l-ebda flus mingħand l-atturi u qatt ma waslulha flus li l-atturi silfu lil binha;

[2] Xhieda tagħha 23.3.2006, f'paġġ. 26-8 tal-proċess

Illi **mix-xhieda ta' Mark Belli** joħroġ li hu kien issellef flus mingħand l-attur fi tliet (3) okkażjonijiet. Jistqarr li ssellef b'kollox elfejn u sitt mitt lira (Lm 2,600) f'idejh, li minnhom jgħid li ħallas lura ħamsin lira (Lm 50). Mill-bqija, huwa jfisser kif is-somma li ssellef, fuq insistenza tal-attur, intefħet għal tmint elef lira (Lm 8,000) li kellha titħallas bir-rata ta' seba' mitt lira Maltija (Lm 700) kull xahar[3]. Huwa jfisser[4] li, fiż-żmien li ssellef il-flus mingħand l-attur, ma kienx joqgħod m'ommu, u kien fuq rakkomandazzjoni ta' ħbieb tiegħu li mar għand l-attur. Huwa jfisser li, f'dak iż-żmien, kellu bżonn il-flus u kien jgħix bir-*relief*. Jgħid li, meta ftiehem l-ewwel darba mal-attur, dan kien qallu li jislef b'imgħax bir-rata ta' nofs Lira fil-Lira. Jiddikjara li aċċetta u dak il-ħin stess issellef mingħand l-attur mitejn lira (Lm 200) li kellhom jitħallsu lura f'sitt (6) xhur bir-rata ta' ħamsin lira (Lm 50) kull xahar. Xahar wara, mar biex iħallsu l-ewwel rata u talbu jisilfu ħames mitt Lira (Lm 500) oħrajn. L-attur kien aċċetta, u f'dik iċ-ċirkostanza wkoll żamm għandu l-karta tal-identita' tal-imħarrek. Ir-rata tal-ħlas baqgħet ta' ħamsin Lira (Lm 50) kull xahar, għaliex iż-żewġ somom mislufa ngħaddu f'ammont wieħed;

Illi xi ħmistax wara reġa' mar għand l-attur u talbu jisilfu tlitt elef Lira Maltin (Lm 3,000) oħra. Huwa jgħid li, għall-ewwel, l-attur ma riedx, imma mbagħad aċċetta li jagħtih il-kumplament biex, ma' dawk li kien diġa' silfu qabel, l-ammont kollu jitla' għal tlitt elef lira. Il-flus għadda għalihom id-dar tal-attur dak inhar filgħaxija, u, għal darb'oħra, meta għaddew il-flus, kienu waħedhom. Ftehmu li l-għada jmorru jagħmlu kitba għand nutar, imma ftit qabel ma ltaqgħu, jgħid li ċempillu l-attur li qallu li l-kitba li kellha ssir kienet trid turi li huwa kien issellef tmint elef lira Maltija (Lm 8,000) u mhux biss tlitt elef lira (Lm 3,000). Jistqarr li ma ħallas xejn lura lill-attur wara dak inhar, u li l-attur kien ċempillu għadd ta' drabi wkoll fuq it-*telephone* ċellulari[5];

Illi, fil-kontro-eżami[6], l-imħarrek fisser kif kien sar jaf bl-attur u fejn kien joqgħod u fisser ukoll kif għaddew il-flus

[3] Dikjarazzjoni mehmuża man-Nota tal-Eċċezzjonijiet
[4] Xhieda tiegħu 23.3.2006, f'paġ. 31 tal-proċess
[5] *Ibid.*, f'paġ. 34 tal-proċess
[6] *Ibid.*, f'paġġ. 33-5 tal-proċess

fit-tliet okkażjonijiet li ssellef. Jgħid ukoll li, skond ma qallu l-attur u kif spiċċaw ftehmu, is-somma kollha li kien irċieva kellha titqies li telgħet għal erbat elef u ħames mitt lira Maltija (Lm 4,500) u li kellha titħallas lura f'rati ta' mitt lira Maltija (Lm 100) kull waħda. Huwa jżid jixhed li, sa ma l-attur reġa' qabdu u tkellem miegħu b'telefonata, il-flus li kien laqa' għandu kien diġa' wżahom;

Illi **mix-xhieda tal-attriċi Luċija Axisa**[7] joħroġ li hija saret taf bl-imħarrek meta dan mar id-dar tagħha (fejn toqgħod ma' ħuha l-attur Ġużeppi) jistaqsi għal ħuha. Kien ħuha li qalilha li l-imħarrek kien talbu jisilfu l-flus u li kien talbu jisilfu tmint elef lira Maltin (Lm 8,000), u li sa dak inhar kien diġa' għaddielu elf lira (Lm 1,000) minnhom. L-attur qalilha li l-imħarrek kien talbu l-flus biex ikun jista' jieħu t-tmexxija ta' ħanut fil-Ħamrun. Il-flus li għaddew lill-imħarrek kienu ta' ħuha u mhux tagħha, imma tgħid li meta taw il-bqija tas-somma lill-imħarrek hi kienet ġarret is-somma f'basket magħha meta marru biex jiltaqgħu miegħu għand in-Nutar. Fissret li, dak inhar li marru mal-imħarrek quddiem l-uffiċċju tan-Nutar Debono f'Ħal Qormi stess, dan iddawwar ma ġie u l-imħarrek qalilhom li kellu bżonn il-flus għaliex ried imur jagħmel il-kuntratt tal-ħanut tal-Ħamrun. Hija tgħid li lill-imħarrek għaddietlu l-basket bil-flus ġo fih dak il-ħin stess u baqgħu miftehmin miegħu li jerġgħu jiltaqgħu hemm il-ġimgħa ta' wara biex issir il-kitba quddiem in-Nutar;

Illi l-attriċi żżid tgħid ukoll li l-imħarrek ma żammx l-appuntament magħhom il-ġimgħa ta' wara għaliex, ftit qabel ma kellhom jiltaqgħu għand in-Nutar, ċemplilha biex jgħidilha li ma setax imur għaliex mardet martu u kellu jmur jieħu ħsieb il-ħanut minflokha. Minn hemm 'il quddiem, kienet hi u ħuha li bdew jippruvaw isibu lill-imħarrek b'kull mezz. Quddiemha ma sar l-ebda ftehim dwar kif kellha tintradd lura s-somma mislufa lill-imħarrek. Tgħid li dan kellu jiġi miftiehem quddiem in-Nutar meta kellhom jiltaqgħu biex jagħmlu l-kitba bejniethom. Ix-xhud tisħaq li l-flus li għaddiet lill-imħarrek kienet qegħdithom hi ġol-basket tagħha u li kienu miġmugħa f'seba' (7) mazzi

[7] Xhieda tagħha 11.5.2006, f'paġġ. 37 sa 42 tal-proċess

ta' elf lira Maltija (Lm 1,000) kull mazz. Tgħid li, safejn kienet taf hi, ħuha qatt ma silef lil ħadd ammonti daqshekk kbar, għalkemm taf li kultant kien jislef xi ħamsin lira (Lm 50) 'l hawn u 'l hinn;

Illi, fil-kontro-eżami, l-attriċi xehdet li kienet hi li kienet talbet l-appuntament lin-Nutar Debono u li kienet semmietlu li riedu jmorru għandu biex jagħmlu kitba ta' self ta' flus. Imma wara li kienu marru mal-imħarrek u n-Nutar kien dam ma mar, ma reġgħetx iffissat appuntament ieħor man-Nutar għaliex ħalliet f'idejn l-imħarrek biex jirranġa appuntament hu. Meta ma raw li ġara xejn, hi u ħuha bdew ifittxu lill-imħarrek u marru jfittxuh ukoll id-dar ta' ommu, li qaltilhom li ma kienx għadu jgħix magħha għaliex keċċietu. Fittxewh saħansitra fil-ħanut tal-Ħamrun li kien semmielhom. Baqgħu ma sabuhx. Ġara li, wara xi żmien, ċemplilha l-imħarrek biex jitlobha tgħid lil ħuha biex jisilfu mija u ħamsin lira oħra, għaliex kellu bżonnhom minħabba raġunijiet ta' mard. Ix-xhud tgħid li l-imħarrek kien bagħat lil xi ħadd għall-flus fid-dar tal-atturi, u l-attur kien tah "biss" mitt lira (Lm 100) minn dawk li talab. Min mar għal flus kien deher jieħu għalih li l-attur m'għaddilux is-somma kollha mitluba! Din id-darba wkoll, il-flus kienu tal-attur, imma kienet ix-xhud li għaddiethom lil min kien bagħat l-imħarrek;

Illi **mix-xhieda tal-attur Ġużeppi Axisa**[8] joħroġ illi l-ewwel darba li ltaqa' mal-imħarrek kien meta dan mar sabu fejn il-kamra tal-attur f'Ħal Qormi u introduċa ruħu miegħu bħala bejjiegħ tal-monti. Dak inhar, l-imħarrek talbu jisilfu tmien mitt lira (Lm 800), u l-attur għaddielu mitejn lira (Lm 200) minnhom fi flus kontanti dak il-ħin stess. Jgħid li, ftit tal-jiem wara fid-dar tiegħu u quddiem oħtu l-attriċi, reġa' għadda ħames mitt lira (Lm500) oħra fi flus kontanti lill-imħarrek. Għal darb'oħra, ma saret l-ebda kitba. Xi jiem wara, l-imħarrek reġa' mar id-dar tal-atturi u talab lill-attur sebat elef lira (Lm 7,000) oħra. L-attur kien aċċetta imbasta jersqu quddiem nutar biex jagħmlu kitba u jgħaddihomlu quddiemu. Dak inhar ma ftehmu l-ebda kundizzjonijiet dwar kif kellha titħallas lura l-imsemmija

[8] Xhieda tiegħu 12.10.2006, f'paġġ. 45 sa 52 tal-proċess

somma, imma l-attur jgħid li l-imħarrek kien qallu li kien qiegħed jistenna li jitħallas somma ta’ erbat elef lira (Lm 4,000) mingħand kumpannija ta’ assikurazzjoni u wegħdu li, kif idaħħal is-somma, jgħaddihielu biex jaqta’ l-bilanċ. Dwar ir-rata tal-imgħax, jgħid li kienu ftehmu li r-rata tkun skond kif jiddeċiedi n-nutar huma u jagħmlu l-kitba dak inhar li jidhru quddiemu;

Illi meta marru għall-appuntament, in-nutar dam ma mar u minħabba li l-attur ried imur jisma’ quddiesa, qal lil oħtu (li kienet miegħu) biex tgħaddi l-basket bil-flus lill-imħarrek u biex jagħmlu appuntament għall-ġimgħa ta’ wara fl-istess post biex jiltaqgħu għand in-nutar mill-ġdid. Dak il-ħin, l-imħarrek ħa l-flus. L-attur jgħid li s-somma kienet ta’ sebat elef lira Maltin (Lm 7,000) maqsuma f’seba’ (7) mazzi ta’ elf lira kull mazz. Jgħid ukoll li, wara xi żmien, l-imħarrek kien talab aktar flus u l-attur tah mitt lira (Lm 100) oħra li ħallihom ma’ oħtu. L-attur jgħid li ma tħallas l-ebda parti mis-somma tal-flejjes li għadda lill-imħarrek;

Illi, fil-kontro-eżami, stqarr li lill-imħarrka ma silifha qatt flus u m’għandux x’jaqsam magħha. Stqarr ukoll li huwa jislef kultant xi mitejn lira (Lm 200) lil xi persuna li tiġi tgħidlu li tkun fil-bżonn. Qal li mal-imħarrek ma ftehimx meta kellu jħallsu lura l-ewwel mitejn lira (Lm 200) li għaddielu, u qagħad fuq it-tagħrif li kien hemm fuq il-Karta tal-identita’ ta’ dan. L-istess ħaġa seħħet meta, fit-tieni okkażjoni, għaddielu ħames mitt lira (Lm 500) oħra fid-dar. Lanqas ma kienx semmielu xejn dwar l-ewwel mitejn lira li kien silfu xi jiem qabel. Ix-xhud baqa’ jemmen li, meta kien se’ jgħaddi lill-imħarrek is-sebat elef lira l-oħrajn, kienu sejrin jiktbu kollox quddiem in-nutar. Huwa fisser li s-seba’ mitt lira (Lm 700) kien għaddihomlu bħala l-kapparra li l-imħarrek kien qal li ried iħallas mis-somma sħiħa meħtieġa biex jieħu f’idejh il-ħanut fil-Ħamrun;

Illi ħadd iktar ma tressaq biex jagħti x-xhieda tiegħu, lanqas in-Nutar li suppost miegħu kien sar l-appuntament biex issir il-kitba, jew Michelle Vella li tissemma bħala l-persuna li laqqgħet lill-partijiet u ż-żewġ xhieda oħrajn imsemmija mill-atturi;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ jitolbu li l-Qorti tistħarreġ żewġ aspetti ewlenin. L-ewwel aspett huwa d-determinazzjoni tas-somma misselfa. It-tieni aspett huwa l-kwestjoni tal-allegata użura. Dan kollu jrid jitqies fil-qafas ta' sitwazzjoni li tirriżulta biss minn verżjonijiet x'aktarx kontrastanti tal-partijiet. M'għandu jkun hemm l-ebda dubju, madankolu, li xi flus għaddew minn idejn l-attur għal idejn l-imħarrek u li l-fehma kienet li dik is-somma tintradd lura. Għalhekk, ir-rabta legali li tnisslet bejnhom kienet dik ta' self għall-konsum *brevi manu*[9];

Illi jidher xieraq li l-Qorti tistħarreġ l-ewwel l-allegazzjoni li s-self sar bil-ftehim ta' rata ta' mgħax li tisboq l-ogħla rata li tippermetti l-liġi. L-imħarrek jgħid li l-attur talbu rata ta' nofs lira għal kull lira misselfa, jiġifieri qiegħed jallega li r-rata tas-self kienet ta' ħamsin fil-mija (50%). L-allegazzjoni qiegħed jagħmilha l-imħarrek u jaqa' fuqu d-dmir li jippruvaha. Minħabba li ma saret l-ebda kitba dwar is-self lilu magħmul, l-imħarrek jistrieħ fuq dak li ngħad bejnu u min silfu;

Illi huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-ħlas ta' mgħax f'kuntratt huwa obbligazzjoni fih innifsu. Fil-mutwu, jieħu s-sura ta' obbligazzjoni aċċessorja għas-self innifsu tal-ħaġa funġibbli li sejra tintuża mid-debitur[10]. F'każ bħal dan, l-obbligu tal-ħlas tal-imgħax jista' jkun wieħed miftiehem minn qabel jew jista' jitnissel bis-saħħa tal-liġi;

Illi dwar imgħaxijiet f'każijiet ta' mutwu, l-liġi trid[11] li l-imgħax ma jaqbiżx ir-rata tat-tmienja fil-mija (8%), u kull rata miftehma ogħla minn hekk tiġi mnaqqsa sa dak l-ogħla limitu[12]. Il-liġi ma tgħidx li l-ebda mgħax ma jkun dovut jew li lobbligazzjoni kollha ma tkunx tiswa;

Illi għal żmien twil, u minħabba kwestjonijiet ta' ordni pubbliku, tqies li jekk kemm-il darba jintwera li xi somma misselfa kienet mgħobbija bi ħlas ta' rata ta' mgħax li

[9] Art. 1842 tal-Kap 16
[10] Ara, Torrente *Manuale di Diritto Privato* (9ª Ediz), par 228, paġġ. 390-1
[11] Art. 1852(1) tal-Kap 16
[12] Art. 1852(2) tal-Kap 16

taqbeż l-ogħla rata ffissata mil-liġi, dik l-obbligazzjoni tkun assolutament ma tiswiex[13]. Dan jgħodd għall-obbligazzjoni marbuta mal-ħlas tal-imgħax, imma mhux ukoll għall-obbligazzjoni ewlenija tas-self innifsu, li tista' titħassar[14], bla ma jintilef l-obbligu li jintradd lura l-valur tal-ħaġa misselfa meqjus fiż-żmien ta' meta s-self ikun sar. Dan minħabba n-natura aċċessorja tal-obbligazzjoni tal-ħlas tal-imgħax, li ssemmiet aktar qabel. Għalhekk, meta titqanqal il-kwestjoni tal-użura, wieħed irid jgħarbel sewwa jekk dak li jiġi allegat ikunx qiegħed jipprova jwaqqa' l-eżistenza tal-obbligazzjoni ewlenija għal kollox, jew jekk ikunx qiegħed jattakka biss dik aċċessorja;

Illi jekk wieħed jifli l-provi li tressqu quddiem il-Qorti f'din il-kawża, wieħed għandu jsib li l-eċċezzjoni m'hija bl-ebda mod mistħoqqa. L-imħarrek qiegħed jgħid li t-tmint elef lira Maltija mitlubin minnu mill-atturi huma s-somma li tassew issellef, magħduda magħha somma fittizja li qegħda taħbi rata ta' mgħax ogħla minn dak li tippermetti l-liġi. Imma fis-sewwa ma ġarax hekk. L-allegazzjoni tal-imħarrek li huwa ssellef biss tlitt elef lira u li ntalab iħallas tmint elef lira li ried iħallashom lura fi ħdax-il (11) xahar[15], ma taqbel xejn ma' dik ir-rata (nofs lira għal kull lira) li huwa jsemmi 'l quddiem meta ta x-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti. Minbarra dan, l-attur, mistoqsi għadd ta' drabi, tenna li lanqas biss kien sar kliem dwar kemm kellu jkun hemm imgħax fuq is-somom li għadda lill-imħarrek u lanqas biss issemma żmien meta kellhom jintraddu lura. Fuq kollox, l-imħarrek jixhed li huwa m'aċċettax dak li allegatament qallu l-attur dwar kemm kellha tkun ir-rata ta' mgħax, u, b'żieda ma' dan, ma ħallas xejn minn dak li ssellef;

Illi, fin-nuqqas ta' argumenti b'saħħithom u provi tajbin biżżejjed, il-Qorti sejra twarrab it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek Mark Belli;

Illi l-Qorti issa tgħaddi biex tistħarreġ it-tieni aspett, jiġifieri kemm kienet tassew is-somma mislufa lill-imħarrek. L-

---

[13] App. Ċiv. **7.3.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Peplow vs Galea*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.366)**
[14] Art. 1853 tal-Kap 16
[15] Par. 4 tad- Dikjazzjoni tiegħu, f'paġ. 16 tal-proċess

imħarrek jistqarr li ssellef mhux aktar minn tlitt elef lira Maltija (Lm 3,000), u jistqarr ukoll li dawn ma ngħatawx f'okkażjoni waħda. Min-naħa tagħhom, l-atturi jgħidu li silfuh tmint elef lira (Lm 8,000), u wkoll jaqblu li dawn ngħatalu f'aktar minn okkażjoni waħda. Ladarba ma saret l-ebda kitba bejn il-partijiet dwar id-daqs tas-somma mislufa, u ladarba lanqas ma hemm qbil bejn il-partijiet dwar kemm kienet, jaqa' fuq l-atturi l-obbligu li juru tassew kemm kienet din is-somma;

Illi, fid-dawl ta' dawn id-depożizzjonijiet, il-Qorti tasal biex tistqarr li x-xenarju li jirriżulta minn dawn il-ġrajja huwa wieħed li għandu jqanqal ċertu tħassib u perplessita'. Li kieku ma kienx għas-serjeta' tal-allegazzjonijiet li saru, wieħed kien jaħseb li għandu quddiemu ġrajja mistħajla tar-rumanzi. Jinħoloq sens li l-atturi huma nies inġenwi li jafdaw lill-barranin b'għajnejhom magħluqa wkoll jekk iġorruhom ħajjin u jibqgħu juru din il-fiduċja wara li jkunu ngidmu. Iżda, fis-sewwa, jidher li wara dak li jidher hemm nisġa ta' ġrajja li għandha titfa' dawl fuq x'seħħ tassew u fuq is-siwi tal-pretensjonijiet ta' kull waħda mill-partijiet involuti;

Illi huwa prinċipju magħruf li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli. Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni[16]. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas. Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm ssemma'. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju[17];

---

[16] Ara, per eżempju, P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[17] P.A. PS **28.4.2003 fil**-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe***

Illi wara li qieset sewwa l-provi mressqa, u xejn anqas is-sottomissjonijiet li għamlu l-avukati difensuri tal-partijiet, il-Qorti ssib li għalkemm il-verżjonijiet tal-atturi fihom xi nuqqasijiet li ma jaqblux għal kollox bejniethom, wieħed jista' joqgħod fuqhom biex jifhem x'seħħ tassew bejnhom u l-imħarrek. Min-naħa tiegħu, filwaqt li l-imħarrek miera l-verżjoni tal-atturi, billi ipprova jdaħħal elementi ta' dubju dwar il-kredibilita' tagħhom, ma waqqagħhiex. Minflok, toħroġ sitwazzjoni fejn l-imħarrek għaraf bi kliem meqjus – l-attur jgħid li l-imħarrek tant "kien iħollni" bi kliemu li mqar kieku talbu għaxart elef lira kien jgħaddihomlu[18] ! – u f'kumbinazzjoni ta' ċirkostanzi favorevoli għalih li jippreswadi lill-attur jgħaddilu somom ta' flus bla ma saret f'waqtha l-ebda rabta jew ftehim dwar ir-radd lura tagħhom;

Illi l-Qorti hija soddisfatta li l-attur għadda aktar minn sebat elef lira lill-imħarrek u dan f'minn tal-anqas erba' okkażjonijiet. Għall-kuntrarju ta' dak li jallega l-Att taċ-Ċitazzjoni, ma ngħaddewx kollha fid-9 ta' Diċembru tal-2004, imma ż-żmien x'aktarx kien matul dak ix-xahar. Dwar l-ewwel żewġ ammonti mgħoddijin lill-imħarrek (ammontanti għal seba' mitt lira Maltin) hemm qbil bejn l-attur u l-istess imħarrek. Dwar is-somma l-kbira – dik li ngħatat dak inhar li l-partijiet iltaqgħu quddiem l-uffiċċju tan-Nutar Debono f'Ħal Qormi – l-Qorti ssib li għandha toqgħod fuq il-verżjoni tal-atturi. Dan qegħda tagħmlu ukoll għaliex fl-ewwel lok, l-imħarrek jaċċetta li kien ingħata ċerta somma (għalkemm hu jgħid li din kienet ta' dsatax-il mitt lira u mhux aktar) minbarra l-ewwel tnejn, u wkoll għaliex, kif ingħad aktar qabel, jissemmew ċirkostanzi (maħluqin mill-imħarrek biex jikkonvinċi lill-attur jisilfu s-somma mitluba mill-istess imħarrek) li l-atturi ma kinux ikunu jafu bihom li mhux għaliex semmihom l-imħarrek innifsu. Dawn iċ-ċirkostanzi, fil-fehma sħiħa ta' din il-Qorti, jkomplu jixhdu n-nisġa ta' raġġiri li l-imħarrek fassal biex jikseb il-flus li ried mingħand l-attur;

[18] Paġ. 49 tal-proċess

Illi, wara li qieset kollox, il-Qorti ssib li l-attur għadda f'idejn l-imħarrek is-somma ta' sebat elef u seba' mitt lira Maltija (Lm 7,700). Ma' dawn wieħed irid iżid ukoll l-aħħar mitt lira (Lm 100) li l-imħarrek bagħat lil xi ħadd jiġbor wara li kien ħa s-somma l-kbira. L-imħarrek ma jmieri bl-ebda mod lanqas dan l-aħħar self. Għalhekk, jirriżulta li l-attur għadda lill-imħarrek b'kollox sebat elef u tmien mitt lira Maltija (Lm 7,800) li jridu jintraddu lura;

Illi għall-finijiet tal-kwestjoni tal-imgħax fuq is-somma mislufa lill-imħarrek, ladarba ma jirriżultax li kien sar xi ftehim partikolari dwar rata ta' mgħax bejn l-attur u l-imħarrek, il-Qorti qegħda tordna[19] li l-imgħaxijiet legali mitluba fiċ-Ċitazzjoni jibdew jgħoddu minn dak inhar tan-notifika tal-Att taċ-Ċitazzjoni, u għandhom jitqiesu bir-rata tal-ħamsa fil-mija (5%) fis-sena[20];

Illi wkoll fid-dawl tal-provi mressqa, jidher aċċertat li s-self sar mill-attur waħdu lill-imħarrek Mark Belli biss. Is-sehem tal-attriċi f'dawn il-ġrajja kollha kien biss ta' xhud u akkompanjatriċi ta' ħuha l-attur. Ħareġ ċar ukoll li l-flus li għaddew għand l-imħarrek kienu flus proprji tal-attur. Min-naħa l-oħra, l-attur jistqarr li huwa qatt ma silef xi flus lil omm l-imħarrek. Għalhekk, f'dan ir-rigward, jidher li huwa xieraq li tintlaqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek Mark Belli fil-konfront biss tal-attriċi Luċija Axisa, u l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrka Miriam Belli fil-konfront taż-żewġ atturi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjenti milli tqis aktar l-ewwel talba attriċi** u dan fid-dawl tad-degriet tagħha tad-9 ta' Novembru, 2005;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrka** Mary *sive* Miriam Belli, u teħlisha milli tibqa' fil-kawża, ladarba m'hijiex il-kuntradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi billi hija qatt ma ssellfet flus mingħand ħadd mill-atturi;

---

[19] Bi tħaddim tal-art. 1849, abbinat mal-artt. 1139 u 1140 tal-Kap 16
[20] Art. 1854 tal-Kap 16

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek** Mark Belli u teħilsu milli jibqa' fil-kawża in kwantu mressqa mill-attriċi Luċija Axisa, ladarba ma kien hemm l-ebda rabta ġuridika bejnu u bejnha billi huwa qatt ma ssellef flus mingħandha;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek Mark Belli jħallas lura lill-attur Ġużeppi Axisa s-somma ta' sebat elef u tmien mitt liri Maltin (Lm 7,800) lilu mislufin *brevi manu* mill-istess attur, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-25 ta' Ottubru tal-2005, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**L-ispejjeż tal-kawża**, b'ħarsien ta' dak li jipprovdu l-artikoli 920 u 921 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jitħallsu mill-imħarrek Mark Belli, ħlief dawk tal-imħarrka Miriam Belli li jitħallsu mill-atturi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------